**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 4 ta' Mejju, 2017

Rikors numru : 569/16 AL

A B

vs

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet ngħaqdu fiż-żwieġ hawn Malta fil-Knisja tal-Ibragg nhar it-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa (2005); (Ċertifikat taż-żwieġ anness Dok A).

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta kuntratt ta

separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Simon Manicolo fit- 28 ta' Novembru 2013. (Kopja annessa Dok B).

Illi l-partijiet ilhom aktar minn erba (4) snin ma jghixux flimkien f'dawn l-ahhar hames snin u illum qieghdin jikkoabitaw ma' terza persuna;

Illi l-partijiet ghandhom wield li jismu M B li twieled fl-20 ta' Mejju 2011; (Certifikat anness Dok C);

Illi l-esponenti qieghed ihallas l-manteniment lill-intimata ghat-tifel tieghu u dan skond il-kuntratt tas-separazzjoni fuq citat;

Illi huwa dejjem kien puntwali f'tali pagamenti;

Illi llum l-gurnata ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi għalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikesti mill-liġi għall-ħalla taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

Tiddikjara maħlul iż-żwieġ tiegħu ma C B u li l-partijiet huma divorzjati għall-effetti kollha tal-liġi u jordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun reġistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha tirrileva :

Illi l-esponenti giet notifikata bir-rikors odjern, bi zmien utli ghar-risposta;

Illi l-esponenti qeghda **topponi** ghat-talbiet attrici, u dana ghas-segwenti ragunijiet :

1. Illi l-esponenti tirrileva li l-partijiet ma jissodisfawx ir-rekwizit enuncjat fl-Artikolu 66B(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li l-partijiet ilhom jghixu hajja separata minn ma xulxin sa minn Awwissu tas-sena 2013 u ghalhekk, ghal perjodu li huwa inqas mill-perjodu ta' erba' (4) snin li tirrikjedi l-Ligi;
2. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tirrileva wkoll illi kuntrarjament ghal dak rilevat fir-rikors promotur, effettivament hemm pendenzi fil-hlas tal-manteniment stante illi ghad li l-partijiet qablu illi l-missier ser ikun qieghed jawmenta l-manteniment kull sena skont l-indici tal-oghli tal-hajja, ghadu sa issa qieghed ihallas biss mija u hamsin Ewro (EUR 150) kull xahar, u qatt ma hallas l-awment relattiv;
3. Illi finalment jinghad ukoll li r-rikorrent ghandu wkoll pendenzi relatati mal-hlasijiet ta' nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni, minkejja li gew pprezentati d-debiti ricevuti, kif patwit bejn il-partijiet fl-istess kuntratt ta' separazzjoni, gia in atti;

Ghaldaqstant, ghal premessi ragunijiet, il-mittenti qeghda titlob illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Jannar, 2017;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata fejn oggezzjonat ghal sentenza ta' divorzju peress li skont hi ir-rikorrenti ghandu pendenzi relatati ma hlas ta' manteniment;

Rat illi l-intimata inghatat zmien mid-29 ta' Marzu 2017 sallum biex tressaq provi fir-rigward tal-oggezzjoni taghha u rat ukoll id-digriet taghha tad-29 ta' Marzu, 2017; liema digriet ma giex osservat mill-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta' Novembru, 2013 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.